

Il-Ġurnal Uffiċjali C 171

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59
12 ta' Mejju 2016

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 171/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7979 — Gilde/Royal Reesink) ⁽¹⁾	1
2016/C 171/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7989 — Griffin/LVS II Lux XX/Redefine/Echo prime JV) ⁽¹⁾	1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 171/03	Rata tal-kambju tal-euro	2
---------------	--------------------------------	---

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2016/C 171/04	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — L-istabbiliment tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru bi skeda ⁽¹⁾	3
---------------	---	---

MT

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

2016/C 171/05	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku ⁽¹⁾	4
2016/C 171/06	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku ⁽¹⁾	5

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 171/07	Sejħiet għall-proposti skont il-programm ta' ħidma għall-għotjiet fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020 (Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 1225)	6
---------------	--	---

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

2016/C 171/08	Avviż ta' kompetizzjoni miftuħa	7
---------------	---------------------------------------	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 171/09	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8012 — ĦAL Investments/Coolblue) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	8
---------------	--	---

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.7979 — Gilde/Royal Reesink)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 171/01)

Fid-29 ta' April 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32016M7979. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.7989 — Griffin/LVS II Lux XX/Redefine/Echo prime JV)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 171/02)

Fid-28 ta' April 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32016M7989. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-11 ta' Mejju 2016

(2016/C 171/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1409	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4686
JPY	Yen Ġappuniż	124,09	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,8542
DKK	Krona Daniża	7,4409	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6763
GBP	Lira Sterlina	0,78958	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5610
SEK	Krona Żvediża	9,2920	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 332,79
CHF	Frank Żvizzeru	1,1099	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	17,2737
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,4212
NOK	Krona Norveġiża	9,3475	HRK	Kuna Kroata	7,5218
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 155,05
CZK	Krona Ċeka	27,022	MYR	Ringgit Malażjan	4,6035
HUF	Forint Ungeriż	315,30	PHP	Peso Filippin	53,055
PLN	Zloty Pollakk	4,4244	RUB	Rouble Russu	75,0267
RON	Leu Rumun	4,4915	THB	Baht Tajlandiż	40,228
TRY	Lira Turka	3,3801	BRL	Real Brażiljan	3,9517
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5474	MXN	Peso Messikan	20,5313
			INR	Rupi Indjan	75,9935

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

L-istabbiliment tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru bi skeda

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 171/04)

Stat Membru	Ir-Repubblika Ċeka
Rotot inkwistjoni	Ostrava – Amsterdam Ostrava – Helsinki
Data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi ta' servizz pubbliku	l-1 ta' Ottubru 2016
Indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test u kwalunkwe informazzjoni rilevanti u/jew id-dokumentazzjoni relatata mal-obbligi tas-servizz pubbliku	Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil: Moravskoslezský kraj - Krajský úřad 28. října 117 702 18 Ostrava CZECH REPUBLIC Tel. +420 595622716 Faks +420 595622226 Email: martin.vymetal@msk.cz Internet: www.msk.cz jew CÍSAŘ, ČEŠKA, SMUTNÝ s.r.o., advokátní kancelář Hvězdova 1716/2b 140 00 Praha 4 CZECH REPUBLIC Tel. +420 224827884 Faks +420 224827879 Email: sniehotta@akccs.cz Internet: www.akccs.cz

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 171/05)

Stat Membru	Ir-Repubblika Ċeka
Rotot ikkonċernati	Ostrava — Amsterdam
Perjodu ta' validità tal-kuntratt	Mill-1 ta' Ottubru 2016 sat-30 ta' Settembru 2020
Skadenza għall-preżentazzjoni tal-offerti	Is-27 ta' Ġunju 2016, 10:00 CET
Indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test tas-sejħa għall-offerti u kwalunkwe informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-offerta pubblika u mal-obbligu ta' servizz pubbliku	<p>Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:</p> <p>Moravskoslezský kraj - Krajský úřad 28. října 117 702 18 Ostrava CZECH REPUBLIC</p> <p>Tel. +420 595622716 Faks +420 595622226 Email: martin.vymetal@msk.cz Internet: www.msk.cz</p> <p>jew</p> <p>ČÍSAŘ, ČEŠKA, SMUTNÝ s.r.o., advokátní kancelář Hvězdova 1716/2b 140 00 Praha 4 CZECH REPUBLIC</p> <p>Tel. +420 224827884 Faks +420 224827879 Email: sniehotta@akccs.cz Internet: www.akccs.cz</p>

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità

Sejħa għall-offerti rigward l-operat ta' servizzi tal-ajru bi skeda skont l-obbligi tas-servizz pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 171/06)

Stat Membru	Ir-Repubblika Ċeka
Rotot ikkonċernati	Ostrava — Helsinki
Perjodu ta' validità tal-kuntratt	Mill-1 ta' Ottubru 2016 sat-30 ta' Settembru 2020
Skadenza għall-preżentazzjoni tal-offerti	Is-27 ta' Ġunju 2016, fl-10:00 CET
L-indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test tas-sejħa għall-offerti u kwalunkwe informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-offerta pubblika u mal-obbligi ta' servizz pubbliku	<p>Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:</p> <p>Moravskoslezský kraj - Krajský úřad 28. října 117 702 18 Ostrava CZECH REPUBLIC</p> <p>Tel. +420 595622716 Faks +420 595622226 Email: martin.vymetal@msk.cz Internet: www.msk.cz</p> <p>jew</p> <p>ČÍSAŘ, ČEŠKA, SMUTNÝ s.r.o., advokátní kancelář Hvězdova 1716/2b 140 00 Praha 4 CZECH REPUBLIC</p> <p>Tel. +420 224827884 Faks +420 224827879 Email: sniehotta@akccs.cz Internet: www.akccs.cz</p>

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħiet għall-proposti skont il-programm ta' ħidma għall-għotjiet fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020

(Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 1225)

(2016/C 171/07)

Id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija tal-Kummissjoni Ewropea b'dan qed iniedi erba' sejħiet għall-proposti sabiex jingħataw għotjiet għal proġetti skont il-prijoritajiet u l-għanijiet definiti fil-programm ta' ħidma tal-2016 fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2014-2020.

Qed jintlaqgħu l-proposti għal dawn l-erba' sejħiet:

CEF-TC-2016-2: Konsenja elettronika

CEF-TC-2016-2: Identifikazzjoni elettronika u firma elettronika

CEF-TC-2016-2: Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika

CEF-TC-2016-2: Dejta pubblika miftuħa

Il-baġit indikattiv totali disponibbli għall-proposti magħżula fl-ambitu ta' dawn is-sejħiet huwa ta' EUR 10,5 miljun.

L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-proposti hija l-15 ta' **Settembru 2016**.

Id-dokumentazzjoni rispettiva tas-sejħiet tinsab fuq is-sit web tat-Telekomunikazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa: <https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/apply-funding/2016-cef-telecom-calls-proposals>

L-UFFIĊĠJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI MIFTUĦA

(2016/C 171/08)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza l-kompetizzjoni miftuħa li ġejja:

EPSO/AD/322/16 — AMMINISTRATURI FIL-QASAM TAL-AWDITJAR (AD 5/AD 7)

L-avviż tal-kompetizzjoni huwa ppubblikat f'24 lingwa f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 171 A tat-12 ta' Mejju 2016.

Tista' ssib aktar informazzjoni fuq is-sit tal-EPSO:

<http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/>

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8012 — ĦAL Investments/Coolblue)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 171/09)

1. Fit-3 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża ĦAL Investments B.V. ("ĦAL", il-Pajjiżi l-Baxxi) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża Coolblue Beheer B.V. ("Coolblue", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal ĦAL: kumpanija ta' investiment attiva ffirxa ta' setturi fosthom il-midja, is-servizzi finanzjarji, il-materjal tal-bini u s-settur marittimu;

— għal Coolblue: bejgħ bl-imnut online li joffri varjetà ta' apparat elettroniku għall-konsumatur (fosthom kompjuters u tagħmir tal-elettriku tad-dar, fil-Pajjiżi l-Baxxi u fil-Belġju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħgtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.8012 — ĦAL Investments/Coolblues, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT